MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 23/2010/1

**Anthony Aquilina**

**v.**

**Ir-Repubblika ta' Malta u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' April,2010, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża, l-intimat flok jaqra "Ir- Reppublika ta' Malta" irid jaqra "l-Avukat Ġenerali", u b'digriet tal-Qorti tat-30 ta' April, 2010, il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawża ta' Joseph u Josephine konjugi Camilleri"**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrent Anthony Aquilina:

(1) fir-rigward tad-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' April 2010 li permezz tiegħu inbidel l-isem tal-intimat minn "Repubbblika ta' Malta" għal "Avukat Ġenerali", u

(2) fir-rigward tas-sentenza tal-istess Qorti tal-15 ta' Ottubru 2010 li permezz tagħha hija laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tal-kjamati fil-kawża u ċaħdet ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent.

Permezz ta' dan l-appell Anthony Aquilina qed jitlob lil din il-Qorti biex tirrevoka d-digriet u tirrevoka wkoll is-sentenza appellata u tirrinvija l-kawża lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni fuq il-mertu;

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors li ressaq ir-rikorrenti fit-18 ta' Marzu, 2010, li jaqra hekk:

"Illi huwa cittadin Malti illi jirrisjedi kemm fil-Kanada kif ukoll f'Ghawdex, fejn ghandu interessi kummercjali.

"Illi huwa wiret minghand il-genituri tieghu, il-fond bin-numru mija (100) gja numri sittax (16) u sbatax (17), Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria.

"Illi dan il-fond huwa mikri lil Joseph u Josephine konjugi Camilleri li llum wara decizjoni tal-Bord li jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna tas-7 ta' Lulju 1998 qeghdin ihallsu l-kera annwa ta' hamsa u sittin Euro 22 centezmu (€65.22) ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin Lira (Lm28).

“Illi originarjament, dan il-fond kien mikri minn omm l-esponenti bil-kera ta’ wiehed u tmenin Euro 53 centezmu (€81.53) ekwivalenti ghal hamsa u tletin Lira (Lm35) kull sitt xhur fl-1970, liema kera wara tnaqqset mill-istess ghal sebgha u hamsin Euro 70 centezmu (€75.70) ekwivalenti ghal tnejn u tletin Lira u hamsin centezmu (lm32.50).

“Illi kif diga’ ntqal, il-Bord li jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna ghogbu jnaqqas il-kera mhallsa mill-konjugi Camilleri ghall-fond in kwistjoni.
“Illi dan il-fond gie dekontrollat fit-12 ta’ Jannar 1960 kif jidher mic-certifikat hawn allegat bhala Dok. “A”.

“Illi skond id-dispozizzjoni originali, tal-Artiklu 5 tal-Ordinanza li tnehhi l-Kontroll tad-Djar, Kap. 158, fir-rigward ta’ dawk il-fondi illi huma dekontrollati, id-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanzi dwar il-Kera ma ghandhomx jghoddu ghall-ebda dar ta’ abitazzjoni mnehhija mill-kontroll mill-gurnata li fiha d-dar tkun registrata skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 3. It-terminu “l-Ordinanzi dwar il-Kera” gie definit fil-Kap. 158 bhala l-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta’ Bini (Kap. 69) u l-Ordinanza li Trazzan il-Kera fuq id-Djar (Kap. 116).

“Illi, ghaldaqstant, meta omm l-esponenti kriet il-fond *de quo* fl-1970, hija ghamlet hekk ghax il-ligi fl-epoka kienet tippermettilha illi hija tista’ tirrifjuta li ggedded il-kirja fl-iskadenza tat-terminu kurrenti, illi hija setghet tgholli l-istess l-ammont tal-kirja u anke illi timponi kundizzjonijiet godda fil-kirja.

“Illi l-Parlament ghogbu jghaddi ligi fl-1979 illi permezz taghha mmina l-iskop originali tal-Kap. 158 illi kien sabiex jilliberalizza parzjalment is-suq tal-kera mir-restrizzjonijiet imposti bil-Kap. 69 u l-Kap. 116 fir-rigward ta’ dawk il-fondi illi nbnew wara l-1959. Illi l-emendi tal-1979 fost l-affarijiet ohra rriversjaw il-liberalizzazzjoni parzjali illi kienet saret billi ntroducew restrizzjonijiet fir-rigward ta’ fondi okkupati minn cittadini Maltin bhala residenza ordinarja taghhom u dan bil-promulgazzjoni ta’ l-artikoli 5(2) sa (5) illi permezz taghhom, il-Kap. 69 rega’ gie rez applikabbli fir-rigward ta’ fondi okkupati minn cittadini Maltin bhala r-residenza

ordinarja taghhom u d-drittijiet tas-sid fir-rigward ta' tali fondi gew severament cirkostritti u dana senjatament, billi:

"1. L-artikolu 5(3) (a) ipprojbixxa lis-sid milli jirrifjuta li jgedded il-kera jew li jgholli l-kera jew li jimponi kundizzjonijiet godda hlief f'cirkostanzi ben delimitati;

"2. L-artikolu 5(3) (b) jippermetti r-ripussess da parti tas-sid ta' fond ordinarjament okkupat minn cittadin Malti bhala r-residenza tieghu jekk juri, ghas-sodisfazzjon tal-Bord, illi l-kerrej kien naqas li jhallas zewg skadenzi tal-kera puntwalment jew jekk il-kerrej ikun ghamel hafna hsara fil-fond jew ikun naqas milli jhares il-kundizzjonijiet tal-kera jew jekk ikun uza l-fond mhux bhala r-residenza ordinarja tieghu;

"3. L-artikolu 5(3) (c) jillimita kwalunkwe gholi fil-kera ghal 100% tal-kera attwali u dana kull hmistax-il sena skond l-gholi tal-hajja u ndependentament, mis-suq tal-proprjeta' u l-valur lokatizzju tal-istess fond.

"Illi bhala rizultat ta' tali emendi, il-liberta' kuntrattwali ta' persuni li huma sidien il-kera bhalma hu l-esponenti u l-awturi tieghu giet severament imxekkla u effettivament, l-effetti restrittivi tal-Kap. 69 u l-Kap. 116 gew ri-stabiliti fil-konfront tas-sidien tal-kera minkejja l-iskop tal-Kap. 158 kien illi, kif jenunzja t-titolu, jnehhi l-kontroll fuq fondi li nbnew wara l-1959.

"Illi kieku meta bdiet il-kirja fl-1970, l-awtrici tal-esponenti kienet taf bl-emendi illi l-Parlament kien se jghaddi disa' snin wara, kienet bi probabilita' kbira, tirrifjuta illi tikri l-fond *de quo* lil cittadin Malti u dana minhabba illi effettivament , bis-sahha tal-provvedimenti sucitati, sid il-kera jitlef il-pussess tal-fond sakemm jixtieq l-inkwilin u minghajr ebda possibilita' illi jgholli l-kera b'mod sostanzjali. Illi effettivament minhabba l-provvedimenti sucitati, l-esponenti tpogga f'pozizzjoni illi qed jigi pprivat mill-godiment pjen tal-proprjeta' tieghu, liema godiment hu tutelat bl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-

Bniedem kif inkorporata fid-dritt Malti permezz tal-Kap. 319 u dana minghajr kumpens xieraq jew fl-interess pubbliku.

“Illi l-fond *de quo* ghandu valur sostanzjali u meta l-inkwilin Camilleri gie avvicinat sabiex jintlahaq ftehim bonarju kif jirrunzja ghal-lokazzjoni in kwistjoni, talab is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin elf disa’ mija u sebgha u tletin Euro 33 centezmu (€232,937.33) ekwivalenti ghal mitt elf Lira (Lm100,000). Certament, il-kirja attwali ta’ hamsa u sittin Euro 22 centezmu (€65.22) ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin Lira (Lm28) fis-sena li bis-sahha tal-provvedimenti sucitati tista’ l-aktar l-aktar tirdoppja kull hmistax-il sena, u li lanqas qed tithallas mill-inkwilin, hija kumpens mizeru ghall-valur tal-kapital tal-esponenti. Illi l-valur lokatizzju ta’ dan il-fond gie ricentement stmat fl-ammont ta’ elfejn disa’ mija u hdax-il Euro 72 centezmu (€2,911.72) kif ser jintwera fil-kors ta’ dawn il-proceduri, ammont li hu ferm oghla mill-kirja attwali.

“Illi tali diskrepanza tibqa’ notevoli anke jekk wiehed kellu jaccetta illi bl-emendi ricenti tal-ligi tal-kera, il-kirja issa telghet ghal mija u hamsa u tmenin Euro (€185). Dan qed jinghad ghaliex m’huwiex car jekk tali emendi u senjatament, l-artiklu 1531C tal-Kap. 16 japplikawx ghall-kirja de quo stante illi tali emendi bl-ebda mod ma mmodifikaw il-Kap. 158.

“Illi l-emendi ricenti ghall-Kap. 16 fi kwalunkwe kaz ma rristawrawx il-liberta’ kuntrattwali tar-rikorrenti illi jgedded jew le il-kirja de quo. F’kaz ricenti li gie deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta’ Dicembru, 2009, fl-ismijiet “Philip Amato Gauci vs Malta”, is-Sur Amato Gauci, bhar-rikorrent, ukoll kien gie sfurzat jidhol f’kirja mac-censwalist ta’ fond proprjeta’ tieghu meta skada c-cens temporanju, liema kirja kienet ukoll ferm anqas mill-valur tas-suq u dan a bazi ta’ emenda li ukoll kienet saret fl-1979 ghall-Kap. 158. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabet illi tali provvediment jivvjola l-artiklu 1 tal-Protokoll Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

“Il-Qorti Ewropea rreiterat illi l-Istat Malti ghandu margni ta’ apprezzament wiesgha sabiex jimplimenta l-politika socjali u ekonomika tieghu izda jrid jizgura illi kwalunkwe interferenza mad-dritt tal-proprjeta’ jissodisfa r-rekwizit tal-proporzjonalita’ u jrid jintlahaq bilanc gust bejn l-interessi generali tal-komunita’ u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu (para. 56). Il-Qorti Ewropea sabet illi piz sproporzjonat u eccessiv gie mpost fuq is-Sur Amato Gauci bil-kera baxxa iffissata mill-Bord, l-istat ta’ incertezza dwar meta seta’ jiehu lura l-pussess tal-fond tieghu kif ukoll minhabba l-gholi fil-livell tal-hajja fl-ahhar snin f’Malta (para. 63).

“Il-Qorti Ewropea ma kinitx impressjonata bir-referenza li ghamel il-Gvern Malti ghad-decizjoni tal-Kummissjoni fil-kaz “Zammit u ohrajn kontra Malta” ghax qalet li dak li kien gustifikat tmintax-il sena qabel, mhux necessarjament ghadu gustifikat illum u dana anke minhabba l-gholi fil-hajja (para. 60).

“Illi din is-sentenza tal-Qorti Ewropea segwiet ohrajn fl-ismijiet “Hutten-Czpaska vs Polonja” u “Fleri-Soler u Camilleri vs Malta” fejn intwera car illi l-margin ta’ apprezzament li ghandhom l-Istati membri sabiex jimplimentaw il-politika, socjali u ekonomika taghhom m’ghadux jigi applikat bl-istess l-attitudni illi forsi kien jigi interpretat mill-istess Qorti fl-epoka ta’ kazijiet precedenti bhal “James” u “Mellacher” u l-Qorti Ewropea uriet illi hi aktar propensa illi ssib vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fejn persuna jkollha ggorr piz sproporzjonat ghall-politika socjali tal-istat kif inhu l-kaz odjern.

“Illi inoltre t-trattament socjali moghti lill-cittadini Maltin, b’differenza ta’ cittadini ta’ nazzjonalita’ ohra, bil-provvedimenti sucitati jikser l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fid-dritt Malti permezz tal-Kap. 319.

“Illi inoltre ukoll minn mindu Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea, il-provvedimenti sucitati qed jippekkaw ukoll kontra l-artikolu 12 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunita’ Ewropea u dana anke kif stabbiliet il-Qorti tal-Gustizzja

Ewropea fil-kazijiet *Maria Martinez Sala vs Freistaat Bayern (C-85/96) u Rudy Grzelczyk vs Centre Public d'Aide Sociale d'Ottigne-Louvain-la-Neuve*m (C-184/99) u dana peress illi l-provvedimenti sucitati qeghdin jaghtu trattament specjali u diskriminatorju lil cittadini Maltin u dana kontra l-artiklu 12 tat-Trattat imsemmi illi jghid testwalment:

*""Within the scope of application of this Treaty, and without prejudice to any special provisions contained therein, any discrimination on grounds of nationality shall be prohibited."*

"Illi skond l-artikolu 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460, il-provvedimenti sucitati llum huma bla effett u dana ai termini tal-artikolu 3(2) tal-istess Att illi jghid testwalment:

""(2) Kull dispozizzjoni ta' ligi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taht it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt moghti lil xi persuna bit-Trattat jew tahtu ghandha, safejn dik il-ligi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tigi infurzata."

"Dana premess u peress illi l-esponenti qed jigi mcahhad milli jgawdi pjenament il-proprjeta' tieghu minhabba l-provvedimenti sucitati, liema provvedimenti huma ukoll diskriminatorji kontra cittadini mhux Maltin, l-esponenti qed bil-qima jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi:

"1. L-artiklu 5 sub-inciz 2 u 3 tal-Kap. 158 jilledi d-dritt ta' godiment tal-proprjeta' tal-esponenti u dana kuntrarjament ghall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fid-dritt Malti permezz tal-Kap. 319 kif ukoll jikkostitwixxi trattament diskriminatorju kontra l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fid-dritt Malti permezz tal-Kap. 319;

“2. L-artiklu 5 sub-inciz 2 u 3 tal-Kap. 158 imur kontra l-artiklu 12 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita’ Ewropea u ghaldaqstant, ghandu jigi meqjus illi hu bla effett ai termini tal-artikolu 3(2) tal-Kap. 460;

“3. Konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu u jitharsu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluz il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-esponenti bil-provvedimenti in kwistjoni u taghti l-ordni sabiex jithallsu mill-intimat id-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez kontra l-intimat.

“Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

“Preliminarjament dan ir-rikors huwa improponibbli u ghandu jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti in vista tal-fatt illi rikors ta’ din in-natura ma jista’ qatt jigi propost kontra r-Repubblika ta’ Malta, kif fil-fatt sar fir-rikors odjern;

“Preliminarjament u in vista ta’ dan, qed tigi eccepita n-nullita’ ta’ dan ir-rikors li ghandu jigi ddikjarat tali minn l-istess Onorabbli Qorti;

“Minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

“Minghajr pregudizzju u fil-mertu m’ghandux jirrizulta li hemm xi ksur ta’ l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea a kawza tal-Artiklu 5 Sub Inciz 2 u 3 tal-Kap. 158, kif qed jippretendi r-rikorrenti;

“Ukoll minghajr pregudizzju, wisq inqas ma tista’ tigi accettata t-tezi tar-rikorrenti li l-istess artiklu fuq riferit b’xi mod imur kontra l-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni jew l-Artiklu

3(2) tal-Kap. 460, ghal darb'ohra kif qed jippretendi r-rikorrenti;

"Tali artiklu jikkostitwixxi biss kontroll ta' uzu ta' proprjeta' da parti tal-Istat fil-parametri permessi kemm mill-Kostituzzjoni u kemm mill-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll mill-istess ligi kif promulgata;

"Minghajr pregudizzju, qed jigi sottomess illi huwa ben stabbilit li biex wiehed ikun jista' jitkellem ksur ta' drittijiet ta' proprjeta', jekk mhux fl-ambitu ta' svestiment totali ta' kull dritt fuq il-proprjeta';

"Fil-kaz odjern b'ebda mod m'ghandu jirrizulta li r-rikorrenti qatt gie svestit totalment mid-drittijiet tieghu kollha fuq il-proprjeta' msemmija fir-rikors tieghu;

"Fil-kaz odjern kull ma ghamel l-istat kien li sempliciment irregolarizza sitwazzjoni socjali fl-ambitu tal-gid komuni, bhal ma kellu u ghandu kull dritt li jaghmel;

"Tali azzjoni da parti tal-istat b'ebda mod ma ppregudikat b'ebda mod id-drittijiet tar-rikorrenti bhala proprjetarji tal-fond in kwistjoni;

"F'kaz ta' meta skop pubbliku li jkun wiehed socjali, huwa nawdit li targumenta li l-valur li ghandu jigi kkunsidrat a skopijiet ta' kera ghandu jkun il-valur tas-suq sakemm l-iskop ma jkunx wiehed '*of general interest which was not manifestly without foundation*';

"Fil-fatt jirrizulta li f'cirkostanzi simili l-ammont ta' kera stabbilit mill-Bord li Jirregola l-Kera, zghir kemm hu zghir, huwa gustifikat u legalment accettat (vide Mellacher vs Austria – 1989);

"L-aggustament fil-kera jilhaq il-bilanc bejn l-interess generali u dak tal-privat, ghaldaqstant mhux il-kaz li wiehed jitkellem fuq kumpens mhux xieraq;

"Mis-suespost isegwi li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 37, 47(9) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

"B'ebda mod ma jista' jirrizulta li hemm xi ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi ma jista' jigi ppruvat b'ebda mod li l-Istat f'dan il-kaz mexa mar-rikorrenti b'xi mod iehor milli mexa ma' proprjetarji ohra;

"L-Artikli fuq citati kienu immirati lejn ic-cirkostanzi specjali fil-pajjiz li jinkwadraw ruhhom f'ambitu fejn il-Parlament Malti kif gustifikat li jghaddi l-ligi, senjatament l-Artikli msemmija aktar 'l fuq, bil-mod kif fil-fatt ghaddihom;
"Indubjament, il-hsieb ta' min fassal il-Kostituzzjoni jorbot ma' dak li nghad mill-Kummissjoni fi Strasbourg fil-kaz "Connie Zammit and others v. Malta", deciz fit-12 ta' Jannar, 1991 meta qalet hekk:

*""The Commission recalls the case-law of the Commission and Court which recognizes that state intervention in socio-economic matters such as housing is often necessary in securing social justice and public benefit. In this area, the margin of appreciation available to a legislature in implementing social and economic policies is necessarily a wide one both with regard to a problem of public concern warranting measures of control and as to the choice of the rules for the implementation of such measures".*

"L-iffissar tal-kera mil-ligi hija haga li tezisti fil-ligijiet kollha, u dan l-istat ta' fatt ma jivvjolax id-dritt tar-rikorrent kif sanciti taht il-Kostituzzjoni.

"Ma jistax jirrizulta li hemm xi ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi f'sitwazzjonijiet simili, ir-rikorrenti mhux qed jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u mhux si tratta ta' sitwazzjoni fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat;

"Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-intimati.

“Rat li l-ewwel eccezzjoni tal-intimat giet sorvelata b’digriet ta’ din il-Qorti moghti fl-udjenza tat-30 ta’ April, 2010, li ordna li l-intimat flok ikun l-istat Malti, ikun l-Avukat Generali kif trid il-ligi;

“Rat li fl-istess udjenza din il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta’ Joseph u Josephine konjugi Camilleri, li joqoghdu fil-fond meritu tal-kawza taht titolu ta’ kera;

“Rat ir-risposta tal-imsemmija konjugi Camilleri li in forza taghha eccepew illi:

“Preliminarjament, iqajjmu l-eccezzjoni tar-*res judicata*, stante li r-rikorrenti diga’ ittenta l-istess procedura identika, minghajr success, fl-ismijiet **Anthony Aquilina vs l-Avukat Generali** (Rik. 49/05 LFS), deciza in Prim’Istanza fl-4 ta’ Gunju, 2008, u quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kostituzzjonali fit-3 ta’ Novembru, 2008.

“Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, in-nuqqas ta’ integrita’ tal-gudizzju, u dan stante illi l-Avukat Generali wahdu ma kellux jigi citat fil-gudizzju, izda r-rikors odjern kellu jsir ukoll fil-konfront tal-Onorevoli Prim Ministru in rapprezentanza tal-Gvern ta’ Malta;

“Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huma m’humiex il-legittimi kuntradritturi ghat-talbiet tar-rikorrenti, stante li huma m’ghandhom ebda setgha jew kontroll dwar il-Ligijiet li jigu promulgati fil-pajjiz;
“Fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-Ligijiet attakkati mir-rikorrenti ma jiksru ebda dispost tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, jew tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Ghal kull buon fini, l-esponenti jaghmlu taghhom l-argumenti mressqa mill-Avukat Generali fir-risposta tieghi.

“Rat il-process tal-kawza Kostituzzjonali fl-istess ismijiet, rikors numru 49/05, u li gie determinat finalment mill-Qorti

Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2008, li kienet iddikjarat l-appell irritu u null peress li kien gie pprezentat fuori termine.

"Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-11 ta' Gunju, 2010, fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari, dik ta' res judicata, sollevata mill-kjamati fil-kawza;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat in-noti tal-osservazzjonijiet li gew ipprezentati;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Ikkunsidrat;

"Illi f'din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li d-drittijiet fundamentali tieghu gew miksura in vista tal-legislazzjoni li tikkontrolla l-ammont ta' kera li jista' jitlob u d-dritt tieghu li jgawdi minn fond li hu mikri lill-kjamati fil-kawza, il-konjugi Camilleri. Ir-rikorrent jghid li l-kirja hi wahda antika soggetta ghal-ligijiet specjali li jaghmlu difficli ghalih li jitlob ammont ta' kera skond ma jistabbilixxi s-suq u li jiehu lura l-istess proprjeta' halli jgawdiha u/jew jispekula bl-istess fis-suq liberu.

"Apparti eccezzjonijiet fil-meritu, il-kjamati fil-kawza ressqu eccezzjoni ta' res judicata, eccezzjoni li, del resto skond il-gurisprudenza taghna tista' tigi sollevata ex officio mill-Qorti jekk u meta tingieb ghall-attenzjoni taghha sentenza ohra li tista' tkun ta' ostakolu ghas-smigh tal-kawza gdida (ara per ezempju, is-sentenza tal-4 ta' Novembru, 1955, moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Cassar vs Zammit"). Dan ghandu jsir peress li ghandu jigi evitat li kwistjoni diskussa u deciza minn Qorti terga' tinfetah biex terga' tigi diskussa u deciza, u dan in vista tal-principju ta' *stare decisis* li hu wiehed ta' ordni pubbliku.

"Il-kjamata fil-kawza jirreferu ghar-rikors kostituzzjonali numru 49/05 fl-ismijiet "Anthony Aquilina vs l-Avukat Generai", fejn skond huma, ir-rikorrent issolleva l-istess

kwistjoni li hi l-meritu ta’ din il-kawza u b’referenza ghall-istess fond u ghall-istess cirkostanzi. Din il-Qorti f’dik il-kawza kienet cahdet l-ilmenti tar-rikorrent b’sentenza li tat fl-14 ta’ Gunju, 2008, liema sentenza ghaddiet in judikat wara li kif inghad, appell li kien ressaq ir-rikorrent ghal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali gie dikjarat irritu u null.

“Ir-rikorrent ma jammettix li d-decizjoni ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ Gunju, 2008, hi ta’ ostakolu ghas-smigh ta’ din il-kawza, peress li jqis li din il-kawza saret kontra l-Istat Malti, li hi persuna differenti mill-Avukat Generali.

“Trattat din l-eccezzjoni, huwa risaput li r-*res judicata* tkun ta’ ostakolu ghal smiegh ta’ kawza gdida meta jikkonkorru tlett elementi: *eaedem personae*, *eaedem res* u *eaedem causa petendi*. Kif osservat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz “Care Services Ltd vs Muscat”, deciza fit-13 ta’ Novembru, 2009,

*““Kif ghallmet il-Qorti tal-Appell, sede Kummercjali, fil-kaz “***Francesca Aquilina -vs- Neg. Giuseppe Gasan et***”, 5 ta’ Novembru, 1934, “l-elementi ta’ eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta’ qabel kienet moghtija f’kawza bejn l-istess persuni u fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eaedem personae, eaedem res, eaedem causa petendi) bhal fil-kawza l-gdida, u li l-exceptio judicati ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku, u hija ta’ interpretazzjoni strettissima, u f’kaz ta’ dubju, il-gudikant ghandu jaqta’ kontra dik l-eccezzjoni”. Ara “***Carmelo Said et -vs- Nutar Dr. Giuseppe Cauchi***”, Appell Civili, 20 ta’ Ottubru, 1958. Ta’ rilevanza li jigi notat illi dawn it-tliet elementi jridu jikkoezistu flimkien ghaliex, jekk tonqos wahda minnhom, il-gudikat ma jistax jissussisti”.*

“Fil-kawza “Sammut vs Spiteri”, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Ottubru, 2003, saret riferenza mill-ewwel Qorti ghal bosta decizjonijiet li enuncjaw principji li gew accettati mill-Qorti tal-Appell. Gie osservat appuntu:

*““Illi f’dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward*

*ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita' tal-motivi tal-'causa pretendi'. ("****Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" – FGC. 4 ta' Gunju, 1999****).*

*"Illi fis-sentenza "****Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine****" (****Ap. 6 ta' Marzu, 1950 – XXXIV.I.74****) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a cio' che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' (****Cesare Baldi, Manuele Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p. 818****).*

*"L-istess inghad fis-sentenza '****Antonio Dagri vs Emanuele Dingli****' (****Ap. 27 ta' April, 1953****) u cioe' li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'. L-istess inghad fis-sentenza '****Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato****' (****Ap. 2 ta' Marzu, 1956 – XL. I. 65****) 'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju, 1955, ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament. L-istess gie ritenut fis-sentenza '****Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana' – 11 ta' Gunju, 1956 – XLB. 1. 555****).*

*"Ta' l-istess portata hija s-sentenza '****Tarcisio Sultana vs Louis Micallef****' (****A.D. 4 ta' Ottubru, 1993****) fejn applikati l-principji fuq annunzjati meta wara kawza ghall-hlas ta' xoghol ta' appalt fejn il-konvenut baqa' kontumaci, l-istess wara ghamel kawza li appalt gie esegwit hazin, u ghad-danni, u il-Qorti sostniet li la darba dak li qed jitlob l-attur setgha opponieh bhala konvenut fil-kawza l-ohra, allura cahdet it-talbiet attrici, ghaliex it-tqanqil tal-kawza odjerna*

*‘huwa intiz biex igib bhala effett li jannulla jew jillimita l-effett tal-istess gudikat’ (***Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Company Limited***).*

*“Hekk fil-kawza ‘***Joseph Vella vs Emanuel Falzon***’ (***Ap. 25 ta’ Frar, 1997***) gie ukoll affermat illi l-exceptio rei judicatae (u litis pendentia) ghandhom bhala fundament il-fatti tal-interess pubbliku u ukoll ghax ‘interest rei publicae ut sit finis litium’ u dan ghaliex il-mertu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta’ qabel jifforma parti mill-istess haga, u jekk il-punt kontrovers huwa l-istess hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, u dan ghaliex is-sentenza fuq domanda tikkontjeni implic[it]ament ir-rigettazzjoni tal-eccezzjonijiet kollha li setghu jitqajmu ghall-istess domanda (***XXXVI.I.75***)”.*

“Minn dan jidher li wiehed irid ihares lejn il-fini tal-kawzi li jkunu qed jigu maqbula u jekk ir-ragunijiet invokati ghal dak l-iskop humiex l-istess jew, jekk differenti, setghux dawk imqanqla fit-tieni kaz bhala motivi “godda”, ikunu gew imqanqla fl-ewwel kaz li ghadda in gudikat. Kif intqal, il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita’ tal-motivi.

“F’dan il-kaz m’hemmx dubju li l-element ta’ *eaedem personae* jissustixxi. Il-fatt li l-kawza l-ohra giet istitwita kontra l-Avukat Generali, filwaqt li din saret kontra r-Repubblika ta’ Malta ma hu ta’ ebda rilevanza, ghax l-intimat, fiz-zewg kawzi, huwa l-Gvern ta’ Malta u ma jbiddel xejn mill-istatus tal-intimat id-dicitura “l-gdida” li pprova juza l-intimat f’din il-kawza. Inoltre, fid-dawl tad-digriet moghti minn din il-Qorti fit-30 ta’ April, 2010, l-intimat sar l-istess Avukat Generali, kif irid l-artikolu 181B(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) meta n-natura tat-talba ma tkunx tista’ tigi diretta kontra xi kap ta’ dipartiment partikolari tal-Gvern, kif inhu dan il-kaz. Lanqas il-kjamat fil-kawza tal-konjugi Camilleri ma jbiddel il-pozizzjoni, peress li t-talbiet tar-rikorrenti ma humiex diretti fil-konfront taghhom, u lanqas ma kienu fil-kawza l-ohra, u ddahhlu f’din il-kawza in vista tal-fatt li din il-kawza tressqet minhabba l-kirja li huma jgawdu li hi l-istess cirkostanza

meritu tal-kawza l-ohra (ara “Galea Trapani Feriol vs Agius”, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta’ Lulju, 1996).

“L-element ta’ *eaedem res* huwa ukoll sodisfatt, ghax din il-kawza titratta l-istess kirja tal-istess fond li kienu l-meritu tal-kawza l-ohra; anke l-inkwilini tal-fond huma l-istess, kif inhuma l-istess ic-cirkostanzi ta’ fatt li wasslu ghall-kawzi. It-talbiet u r-rimedju mitlub huma identici fiz-zewg kawzi.

“Ghar-rigward l-element ta’ *eaedem petendi*, din il-Qorti tinnota mhux biss li t-talbiet huma l-istess, kif gia intwera, izda l-premessi huma fil-gran parte taghhom, identici ukoll. Fil-fatt, ir-rikors odjern tista’ tghid li hu print-out mill-computer tar-rikors originali li, ovvjament, kien baqa’ “saved” fis-sistema tar-rikorrent jew l-Avukat tieghu.

“Ir-rikorrent, fir-rikors odjern, izid xi argomenti godda u jghid ukoll li s-sitwazzjoni tieghu baqghet ma nbiddlitx nonostante l-emendi ghal-ligi tal-kera li gew introdotti fil-Kodici Civili bl-Att. Numru X tal-2009.

“Din il-Qorti ma tarax li dawn il-“biddliet” fir-rikors ibiddlu n-natura tal-azzjoni. L-ewwel nett, argomenti “godda” ma jbiddlux is-sustanza tal-azzjoni li baqghet l-istess. L-ilment tar-rikorrent huwa principalment marbut mal-fatt li l-ammont ta’ kera li timponi l-ligi, anke wara l-emendi l-godda, ma jwasslux ghall-kumpens gust, u ghalkemm l-istat jista’ jikkontrolla l-uzu u t-tgawdija ta’ proprjeta’ fl-interess socjali tal-poplu, irid fl-istess hin, jara li johloq bilanc tajjeb bejn l-interessi generali u dawk privati tac-cittadin.

“Dan l-argument kien tressaq ghall-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti fil-kawza precedenti, tant li l-Qorti irrimarkat fuq il-bzonn tal-pajjiz “to strike the requisit fair balance between the general interests of the community and the protection of the applicant’s fundamental rights”. Din il-Qorti, f’dik il-kawza osservat, pero’ li fil-kaz tar-rikorrent, din il-“fair balance”gie milhuq, u r-rikorrent ma jistax jipprova jerga’ jiftah it-trattazzjoni tal-kwistjoni b’xi argoment gdid li messu qajjem fl-istadju opportun u li, f’kull kaz, taht aspett

jew iehor, kien gie trattat quddiem din il-Qorti fil-kawza l-ohra.

“Ghar-rigward tal-emendi introdotti bl-Att X tal-2009, mhux biss ir-rikorrent stqarr li ghandu dubbju kemm dawn japplikaw ghal kaz tieghu, izda jzid li, f’kull kaz dawn “ma rrestawrawx il-liberta’ kuntrattwali tar-rikorrent”, u hu baqa’ jsofri l-effetti tal-ligijiet antiki li rregolaw il-kirja tal-fond in kwistjoni. Jibqa’ l-fatt, pero’, li jezisti gudikat li jorbot lir-rikorrenti li jghid li bl-applikazzjoni tal-ligijiet vigenti ghac-cirkostanzi tal-kaz tieghu ma gew miksura ebda drittijiet fundamentali tieghu, u din il-pozizzjoni, kif tohrog mill-emendi ricenti fil-Kodici Civili ma gietx aggravata. Ir-rikorrenti jissottometti li l-pozizzjoni tieghu wara l-emendi tal-2009 ftit li xejn ittejbet, izda zgur li ma marritx ghall-aghar, u la darba, qabel l-emendi, ma sofra ebda pregudizzju zgur li ma jistax jinghad li sofra pregudizzju bl-emendi li, ftit jew wisq, tejbu l-pozizzjoni tieghu bhala sid il-kera.

“Din il-Qorti ma tistax twarrab l-eccezzjoni tal-gudikat meta jirrizulta bic-car illi l-meritu ta’ din il-kawza diga’ gie trattat u deciz f’kawza ohra. Jekk ir-rikorrent kellu jinghata l-jedd li jkompli b’dan il-provediment ikun jerga’ jigi mqieghed in diskussjoni l-validita’ tal-provediment tal-ligi impunjati, u dan meta gie deciz li ma holqu ebda ksur fil-kaz in ezami. L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha, l-interess pubbliku, u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f’sentenza u li tbieghed il-possibilita’ ta’ decizjonijiet li jmorru kontra xulxin. L-argumentazzjonijiet li ressaq ir-rikorrent fil-kawza odjerna, anke jekk jistghu jitqiesu godda, kienu argomentazzjonijiet li setghu u kellhom jigu inkwadrati fl-argomentazzjonijiet li kienu ndikati li kellhom jigu moghtija fl-ewwel kawza.

“Ghalkemm il-kaz “<u>Amato Gauci vs Malta</u>”, deciz mill-Qorti Ewropea ta’ Gustizzja u li ghaliha ghamel ampia referenza r-rikorrent gie deciz wara s-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ewwel kawza, dik id-decizjoni ma holqitx xi dritt gdid jew kriterju gdid kif jigu interpretati d-drittijiet fondamentali tal-bniedem; dik il-kawza giet deciza a bazi tal-htiega tal-istat

li jara li jkun hemm "a fair balance", bejn il-bzonnijiet tal-komunita' u d-drittijiet tal-individwu, principju li, kif gia intwera, kien diga' jezisti meta din il-Qorti tat l-ewwel sentenza taghha u fil-fatt gie minnha applikat. Il-fatt li l-applikazzjoni ta' dak il-principju ma sewiex ta' rebh ghar-rikorrent, ma jintitolahx jipprova jitlob applikazzjoni mod iehor tieghu mill-istess Qorti (ankorke diversament presjeduta).

"Fil-kawza "Agius et vs Fenech", deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu, 2010, intqal li "*is-sentenza f'dan is-sens tapplika l-effikacja proprja taghha ukoll ghaz-zmien successiv ghal dik l-istess sentenza*". Dik il-Qorti kompliet tghid li biss f'kaz ta' tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi "*li jista' jkun hemm lok ghall-kambjament fl-oggett mertu tal-kawza*". F'dan il-kaz, ma tezisti ebda bidla sostanzjali fic-cirkostanzi (jekk hemm, kienu a vantagg tar-rikorrent) u allura ma kienx lok li il-gudikat jigi mwarrab.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti billi wara li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza (dik ta' res judicata) tghaddi biex tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu."

**Rikors tal-appell tar-rikorrent Anthony Aquilina:**

L-appellant Anthony Aquilina ħass ruħu aggravat bid-digriet u bis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnhom.
L-aggravji tiegħu jikkonsistu fis-segwenti:

L-ewwel aggravju:

(1) Fir-rigward tad-digriet tat-30 ta' April 2010, huwa jirrileva li fil-fehma tiegħu l-Avukat Ġenerali qatt ma jista' jkun il-leġittimu kontradittur f'każ fejn qed tiġi attakkata leġislazzjoni stante li l-Avukat Ġenerali mhux responsabbli għall-leġislazzjoni f'dan il-pajjiż. Isostni li qari tal-Artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta juri li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat il-bidla indikata fid-digriet, għaliex il-Parlament qatt ma jista' jiġi ekwiparat

ma' dipartiment tal-Gvern kif għamlet hi. Jargumenta li mhux korrett li rikorsi kostituzzjonali biex provvediment leġislattiv jiġi dikjarat li jilledi l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja jiġu diretti kontra l-Avukat Ġenerali li huwa l-Avukat tal-Gvern.

(2) Fir-rigward tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2010, l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx każ il-fatt li l-kjamat in kawża ma kienx parti mill-proċeduri tal-ewwel kawża u għaldaqstant ma jistax jiġi ritenut li jissussisti l-element tal-"*eaedem personae*". Jgħid li għalkemm l-ewwel Qorti abbraċċjat is-sentenza "Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et" biex tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha, madanakollu hija ma għamlitx apprezzament ġust tal-fatti partikolari tal-kaz kif indikati minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u lanqas ma kkunsidrat żewġ sentenzi ċitati minnu[1] li kkonkludew b'mod diametrikament oppost għall-konklużjoni raġġunta f'"Trapani Galea Feriol et vs Agius."
L-appellant jgħid li jħossu skantat kif l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-ewwel sentenza torbot anke lill-kjamati fil-kawża li ma kienux parti fl-ewwel proċedura. Huwa jgħid li ma jifhimx kif kjamati fil-kawża jistgħu jeċċepixxu b'suċċess ir-*res judicata* meta l-ewwel sentenza ma torbothomx.

It-tieni aggravju:

L-appellant jargumenta li l-ewwel rikors kien ikun ġie deċiż definittivament li kieku kienet ingħatat ukoll sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, imma din il-Qorti ddeklinat illi tieħu konjizzjoni tal-każ stante li huwa ma eżawrixxiex ir-rimedji domestiċi lilu disponibbli minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell. Jispjega li sabiex huwa jkun jista' jadixxi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif inhu d-dritt tiegħu, bil-fors li kellu jibda' dawn il-

[1] "Joseph Spiteri pro et nomine vs Edoardo Busuttil et", deċiża fit-23 ta' Mejju 1944 mill-Imħallef Harding,

"Tarcisio Fenech et vs A&A Properties Ltd", deċiża fit-12 ta' Ottubru 2004 (deċiża mill-Q.Appell fl-10 ta' Lulju 2009, fejn id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li wieħed mill-atturi biss kien kolpit bl-eċċezzjoni tal-ġudikat ma ġietx appellata)

proċeduri fil-qrati domestiċi, u ġialadarba l-ewwel rikors ma ġiex deċiż definittivament, allura ma kellu jkun hemm l-ebda ostaklu sabiex l-ewwel Qorti tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern.

It-tielet aggravju:

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx każ tas-sottomissjoni tiegħu li l-komportament tal-Avukat Ġenerali kien jekwivali għal rinunzja tal-eċċezzjoni tar-*res judicata* u dan anke kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet "Vincent Cilia vs Onor. Prim Ministru et" fejn il-Qorti dehrilha li l-intimati kienu rrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-ġudikat bl-atteġġjament tagħhom.

Ikompli jilmenta li mhux talli hekk, talli l-ewwel Qorti qalet li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* hija eċċezzjoni ta' ordni pubbliku u tista' titqanqal minnha *ex officio* meta l-ġurispudenza l-aktar awtorevoli tippropendi għall-kuntrarju kif intqal f'"Vincent Cilia vs Onor. Prim Ministru et" fejn intqali li "tali eċċezzjoni hija wkoll rinunzjabbli" u fejn ġie wkoll ċitat il-Laurent.

Huwa jsostni li ladarba l-Avukat Ġenerali rrinunzja għal din l-eċċezzjoni ta' ġudikat, ma setgħetx titqanqal mill-kjamati in kawża li lanqas kienu parti fl-ewwel ġudizzju.

**Risposta tal-Appell tal-kjamati fil-kawża Joseph u Josephine konjuġi Camilleri:**

L-ewwel aggravju:

(1) Id-digriet li ordna l-korrezzjoni:

Ir-rikorrent appellant jilmenta li l-Avukat Ġenerali f'każ bħal dan qatt ma jista' jkun il-leġittimu kontradittur. Il-kjamati fil-kawża pero` jsostnu li meta r-rikorrent għażel li jipproċedi kontra r-"Repubblika ta' Malta" minflok kontra l-"Avukat Ġenerali" ma kienitx deċiżjoni motivata minn konsiderazzjonijiet legali imma minn tattika intiża biex taġġira d-disposti tal-liġi proċedurali in materja. Fil-fehma

tagħhom jirriżulta bl-iktar mod ċar li meta l-proċedura oriġinali tar-rikorrent (Rik. 49/05LFS) għaddiet in ġudikat b'eżitu sfavorevoli għalih huwa ttenta li jerġa' jipproponi l-istess azzjoni bl-istess premessi, argumentazzjoni u saħansitra anke talbiet pero` billi jbiddel il-persuna tal-intimat, u jipproponi azzjoni ġdida kontra r-Repubblika ta' Malta. Ikomplu jgħidu li bħala konsegwenza tal-korrezzjoni ordnata bid-digriet, li ssanat il-pożizzjoni tar-rikorrent proċeduralment, l-azzjoni tar-rikorrent tkaħħlet mal-ħajt tar-*res judicata*.

Il-kjamati fil-kawża jsostnu li l-liġi tagħna hija tassattiva u l-Artikolu 181 B(2) huwa ċar u kristallin fl-applikazzjoni tiegħu. Iżidu jgħidu li tant hu hekk li l-azzjoni oriġinali promossa minnu ġiet intavolata proprju kontra l-Avukat Ġenerali u dan kkuntrarjament għall-argumenti kollha li ġab ir-rikorrent fl-appell tiegħu. Dan, jgħidu l-kjamati fil-kawża, huwa indikazzjoni tal-*forma mentis* tar-rikorrent.

(2) L-element tal-*"eaedem personae"*: il-kjamati in kawza ma kienux parti fil-proċeduri oriġinali:

Il-kjamati fil-kawża jispjegaw li l-iskop tal-element tal-*eaedem personae* huwa preċiżament biex jiġi evitat li deċiżjoni fuq l-istess mertu tingħata bejn l-istess partijiet. Isostnu li fil-każ inkwistjoni ġie ppruvat li diġa` kien hemm sentenza fuq l-istess mertu bl-istess talbiet bejn il-partijiet: cioe` bejn ir-rikorrent appellanti Anthony Aquilina u l-appellat l-Avukat Ġenerali. Il-kjamati fil-kawża jirreferu għas-sentenza "<u>Igino Trapani Galea Feriol vs Jane mart Jimmy Agius et</u>" li stabbiliet li l-introduzzjoni ta' persuni oħra fil-kawża ma tneħħi xejn mill-effikaċji tal-eċċezzjoni tar-*res judicata.*

<u>It-tieni aggravju:</u>

Ir-rikorrent fit-tieni aggravju tiegħu jilmenta li l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li r-rikors orġinali ma ġiex deċiż definittivament u dan peress li hemm l-istadju tal-petizzjoni individwali lill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-kjamati fil-kawża jgħidu li din l-argumentazzjoni hija legalment inaċċettabbli u

insostenibbli: imkien fil-liġi nostrana ma hemmx grad ta' ġustizzja ogħla bis-setgħa li tirrevedi deċiżjonijiet ta' Qorti Reviżorja, bħal ma hija l-Qorti Kostituzzjonali. Jirrilevaw li fil-każ inkwistjoni l-proċeduri oriġinali ittentati minn Anthony Aquilina ġew deċiżi in Prim'Istanza fl-4 ta' Ġunju 2008 u għaddew in ġudikat wara li din il-Qorti qieset l-appell tar-rikorrenti appellanti stess *fuori termine* fit-3 ta' Novembru 2008. Il-kjamati in kawża jargumentaw li l-appellanti ma kellux triq legali oħra xi jsegwi u kien għalhekk li ttenta l-logħba li jerġa' jipproponi l-istess azzjoni mill-ġdid u pprova jbiddel in-natura tal-leġittimu kontradittur tiegħu, mill-"Avukat Ġenerali" għar-"Repubbblika ta' Malta".

Jissottomettu wkoll li ċ-ċaħda tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dikjarat *ex admissis* mill-istess rikorrent appellant, kienet fil-fatt dovuta għall-mankanza tiegħu milli jeżawrixxi l-proċeduri ordinarji, u dan mhux għaliex ma kienx ittentahom, iżda minħabba li ma użufruwiex ruħu mid-dritt tiegħu ta' appell fiż-żmien stipulat, liema mankanza ma tistax tiġi sanata.

Finalment jargumentaw li anke kieku l-argumentazzjoni tal-appellant li r-rikors oriġinali ma ġiex deċiż definittivament kellha tiġi aċċettata, ladarba r-rikorrent stess iddikjara *ex admissis* li kien ittenta jippromwovi l-azzjoni tiegħu quddiem il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, iżda "*dina l-Qorti ddeklinat li tieħu konjizzjoni tal-każ stante li l-esponenti, skond dina l-Qorti, naqas li jeżawrixxi r-rimedji domestiċi lilu disponibbli minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell*", dan ifisser li la kien hemm eżitu mill-Qorti Ewropeja, ċertament li l-każ ġie f'kull każ magħluq definittivament, u għalhekk iktar u iktar ma setax jerġa' jipproponi l-azzjoni tiegħu quddiem il-Qrati tagħna.

<u>It-tielet aggravju:</u>

L-appellant fit-tielet aggravju tiegħu jallega li l-Avukat Ġenerali rrinunzja taċitament għall-eċċezzjoni tar-*res judicata*. Il-kjamati fil-kawża ma jaqblux ma' dan u jaċċennaw għall-fatt li l-Avukat Ġenerali intavola r-risposta

tiegħu qabel ma saret il-korrezzjoni fl-okkju. Jargumentaw li skont l-okkju kif indikat qabel ma saret il-korrezzjoni ma setax jirriżulta l-*eaedem personae* u għalhekk l-Avukat Ġenerali kien legalment korrett meta ma ressaqx tali eċċezzjoni f' dak il-mument. Fil-każ tal-kjamati fil-kawża, huma jispjegaw li meta ġew notifikati bir-rikors kostituzzjonali l-indentita` tal-intimat kienet kjarament l-Avukat Ġenerali. Jissottomettu wkoll li una volta li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tqajmet huwa rrilevanti min qajjimha diment li tqajmet fi stadju permess fil-liġi, u la tqajmet din trid tiġi indirizzata u investigata.

Fir-rigward tal-kritika tal-appellant dwar l-argumentazzjoni tal-ewwel Qorti li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tista' titqajjem *ex officio* l-kjamati fil-kawża jissottomettu li konsapevoli li sejrin jikkontradixxu r-riproduzzjoni tal-Laurent magħmula mill-appellant, l-istatut tar-*res judicata* huwa tabilħaqq wieħed ta' ordni pubbliku, intiż neċessarjament biex tinżamm sħiħa l-awtorita` ta' Qorti fid-deċiżjoni tagħha bl-effett li una volta tkun diġa` esprimiet ruħha fuq materja u d-deċiżjoni tagħha tkun għaddiet in ġudikat, parti ma tistax terġa' tqajjem il-kwistjoni b'riskju ta' deċiżjonijiet konfliġġenti.

**Jiġi osservat li l-intimat l-Avukat Ġenerali baqa' ma ppreżentax ir-risposta tiegħu għall-appell odjern.**

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>:
*L-ewwel parti:*

(1) Id-digriet tat-30 ta' April 2010 li ordna korrezzjoni fl-okkju huwa żbaljat.

L-appellant Anthony Aquilina għażel li jappella mid-digriet tat-30 ta' April 2010 flimkien ma' dan l-appell mis-sentenza definittiva tal-15 ta' Ottubru 2010. Id-digriet tat-30 ta' April 2010 huwa digriet li permezz tiegħu ġiet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawża biex l-intimat flok jibqa' indikat bħala "Ir-Repubblika ta' Malta" jiġi jinqara "L-Avukat Ġenerali".

L-appellant jargumenta li dan id-digriet huwa żbaljat għaliex l-Avukat Ġenerali mhux responsabbli għal-leġislazzjoni f'dan il-pajjiż, liema legislazzjoni huwa jidhirlu li tivvjola d-drittijiet fundamentali tiegħu. Huwa jsostni li peress li l-Parlament huwa kompost mill-Kamra tar-Rappreżentanti u l-President tar-Repubblika, it-talba tiegħu għandha tiġi diretta kontra l-Istat kif isir jekk tali talba tmur quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u mhux kontra l-Avukat Ġenerali. Jinsisti li mhux korrett li rikors kostituzzjonali sabiex provvediment leġislattiv jiġu dikjarat li jilledi l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja jiġu diretti kontra l-Avukat Ġenerali li huwa l-Avukat tal-Gvern.

Din il-Qorti tibda' biex tagħmel riferenza għal Artikolu 229(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-artikolu jelenka liema huma dawk id-digrieti li appell minnhom jista' jsir biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva u flimkien mal-appell minn dik is-sentenza. Din il-lista li hija waħda eżawrenti, ma tinkludix digrieti dwar korrezzjoni, bħal ma hu d-digriet inkwistjoni. Id-digriet inkwistjoni lanqas ma jaqa' taħt dawk id-digrieti elenkati fl-Artikolu 229(2) li appell minnhom jista' jsir qabel is-sentenza definittiva. Dak li messu għamel ir-rikorrent f'dan il-każ ladarba huwa ma qabilx mad-digriet tal-Qorti kien allura li jitlob lill-Qorti permezz ta' rikors sabiex tagħtih permess speċjali sabiex jappella mid-digriet qabel is-

sentenza definittiva[2] jew li jitlob lill-Qorti sabiex hija tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha[3].

Jirriżulta għalhekk li l-mod li bih ipproċeda l-appellant fir-rigward tad-digriet inkwistjoni kien wieħed żbaljat u għalhekk din il-Qorti mhix tenuta li tieħu konjizzjoni tal-appell tiegħu. Fi kwalunkwe każ, pero`, l-argumenti tal-appellant li fuqhom qed jibbaża dan l-"appell" tiegħu mid-digriet huma infondati; rikors kostituzzjonali bħal dan odjern kellu effettivament jiġi intavolat kontra l-"Avukat Ġenerali" u mhux kontra r-"Repubblika ta' Malta". Din il-Qorti sejra tispjega għaliex.

L-insenjament ta' din l-istess Qorti Kostituzzjonali diversament komposta, fil-kawża "George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et", deċiża fit-8 ta' Novembru 2004 jaghmel ghal dan l-argument. B'referenza għall-Artikolu 181B tal-Kap. 12, introdott bl-Att XXIV tal-1995, is-sentenza ċitata spjegat kif dan jelenka b'mod speċifiku min għandu jirrappreżenta lill-Gvern fi proċeduri fil-Qrati. Skont l-Artikolu 181B(1) il-Gvern għandu jiġi rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li

---

[2] Artikolu 229(3) – rikors għal permess speċjali biex isir appell minn digriet qabel is-sentenza

"Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f' dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex ikluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b' rikors li jiġi ppreżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-Qorti. Il-Qorti wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi ppreżentat tali appell għandu jibda' jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir appell."

[3] Artikolu 229(4) – rikors biex il-Qorti tikkonsidra mill-ġdid id-digriet tagħha

"Fil-kaz ta' xi digriet li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3), sakemm ma jkunx ġie ppreżentat rikors tal-appell, il-parti aggravata tista', b' rikors li jiġi ppreżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikors għandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba u dan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha d-dritt tippreżenta risposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika."

jkun inkarigat fil-materja inkwistjoni. Pero` skont l-Artikolu 181B(2) il-liġi tkompli tgħid li *"L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f' dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern."* Is-sentenza kompliet tispjega li fis-sistema ġuridika tagħna huwa r-ram eżekuttiv tal-Gvern – il-kelma "Gvern" mifhuma fis-sens wiesgħa ta' "Stat" li jidher kemm f'kawżi penali, kif ukoll kawżi ċivili, inkluż dawk kostituzzjonali; u li infatti huwa dan ir-ram eżekuttiv tal-Gvern li jinsab f'pożizzjoni li jista' jagħti rimedju effettiv f'każ li wieħed mir-rami l-oħra ikun b'xi mod naqas, u huwa wkoll ir-ram eżekuttiv li għandu l-mezzi biex jista' jassigura li sa fejn hu possibbli, ż-żewġ rami l-oħra ma jaġixxux b'mod li jiġu leżi d-drittijiet ta' terzi.

L-istess sentenza ċitata rreferiet għall-insenjament ta' din l-istess Qorti, diversament komposta, fil-kawża "Joseph Abela vs Onorevoli Prim Ministru", deċiża fis-7 ta' Diċembru 1990, fejn kien ġie spjegat kif f'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu f'tliet kategoriji:

(1) dawk li allegatament huma responsabbli għall-kummissjoni jew ommissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi,

(2) dawk li għall-kummissjonijiet jew ommissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu ikunu responsabbli biex jagħtu rimedji, u

(3) dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja.

Kompliet tispjega kif fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali hemm żewġ aspetti li mhux neċessarjament ikunu konnessi – ir-responsabilita` ma tkunx neċessarjament konnessa mar-rimedju - cioe` l-att anti-kostituzzjonali jista' jkun kommess minn persuna filwaqt li r-rimedju jiġu pretiż minn ħaddieħor, u għalhekk dawk il-persuni li

jirrappreżentaw il-fonti rimedjali qatt ma jista' jingħad li mhumiex il-leġittimi kontradditturi, anke meta mhumiex responsabbli bl-ebda mod għall-misfatt kostituzzjonali u m'għandhom assolutament ebda possibilita` li jinfluwenzaw b'xi mod dak il-misfatt.
Din il-Qorti fis-sentenza "Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et" fid-dawl ta' dan l-insenjament, identifkat lill-Avukat Ġenerali bħala persuna li hija kompriza fit-tieni kategorija inkwantu jekk, għall-grazzja tal-argument, l-allegat lament jiġi ppruvat, huwa f'pożizzjoni li jipprovdi rimedju finanzjarju. Qalet ukoll li għalkemm l-Avukat Ġenerali ma hux il-persuna direttament jew indirettament responsabbli għall-allegata vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent[4], ċertament li ma jistax jingħad li mhux il-leġittimu kontradittur.

Fil-każ odjern qegħdha tiġi attakkata l-validita` tal-Artikolu 5(2) u (3) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u qegħdin jintalbu dawk ir-rimedji neċessarji biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent inkluż il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu bil-provvedimenti inkwistjoni. Ma jistax allura jiġi argumentat li l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur. Kif spjegat din l-istess Qorti fil-kawża "Joseph Bartolo vs Onorevoli Prim Ministru et", deċiża fis-27 ta' Frar 2009, talba għar-rimedji għall-pretiża vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, (bħal fil-każ odjern) għandha tiġi diretta fil-konfront tal-"Avukat Ġenerali".

L-appellant kien jaf ben tajjeb li kawża bħal din odjerna kellha tiġi diretta kontra l-Avukat Ġenerali u dan jirriżulta mill-fatt li l-kawża oriġinali li istitwixxa huwa stess kienet ġiet diretta proprju kontra l-Avukat Ġenerali. L-appell tar-rikorrent mid-digriet tat-30 ta' April 2010 għalhekk apparti li ma sarx skont il-proċedura kif dettata mill-Artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, huwa wkoll infondat.

[4] Din il-kawża kienet tikkonċerna dewmien fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

It-tieni parti:

*(2) l-element tal-eaedem personae ma jissussistix għaliex il-kjamat fil-kawża ma kienx parti mill-proċeduri oriġinali*

Ir-rikorrent appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx każ tal-fatt li l-kjamat in kawża ma kienx parti mill-proċeduri tal-ewwel kawża u għaldaqstant ma jistax jiġi ritenut li jissussisti l-element tal-*eaedem personae*. Huwa jagħmel riferenza għal żewġ sentenzi: "Joseph Spiteri pro et nomine vs Edoardo Busuttil et", deċiża fit-23 ta' Mejju 1944 mill-Imħallef Harding, u "Tarcisio Fenech et vs A&A Properties Ltd", deċiża fit-12 ta' Ottubru 2004 u jgħid dawn ikkonkludew b'mod diametrikament oppost għall-konklużjoni raġġunta f'"Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et", sentenza li ġiet abbraċċjata mill-ewwel Qorti  in sostenn tat-teżi tal-kjamat in kawża li biex jissussisti l-element tal-*eaedem personae* m'hemmx għalfejn illi fiż-żewġ proċeduri jkun hemm l-istess partijiet u tali element jissussisti wkoll jekk ikun hemm partijiet ġodda fit-tieni proċedura.

Din il-Qorti eżaminat iż-żewġ sentenzi ċitati mir-rikorrent:
F'"Fenech vs A&A Properties Ltd" il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fil-konfront ta' wieħed mill-atturi iżda rriteniet li l-azzjoni tal-atturi l-oħra li ma kienux parti fil-kawża oriġinali ma kienitx milquta bir-*res judicata* u l-azzjoni tagħhom setgħet tkompli.

F'"Spiteri vs Busuttil", il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet irriteniet li sentenza meta tgħaddi in ġudikat hija ostativa għal dawk li jew personalment jew permezz tal-awturi tagħhom, jew ta' rappreżentant leġittimu tagħhom ħadu parti fil-proċess li ta lok għal dik is-sentenza. Hija fil-fatt irrikonoxxiet li jista' jkun hemm *res judicata* fil-konfront ta' xi partijiet, meta dawn ikunu l-istess partijiet li ħadu sehem fil-kawża oriġinali, iżda mhux fil-konfront ta' oħrajn.

Jirriżulta għalhekk li dawn is-sentenzi bl-ebda mod ma jikkonkludu li biex ikun hemm l-element tal-*eaedem*

*personae* hemm bżonn li tkun ingħatat sentenza kontra l-persuni kollha li jidhru fil-kawża sussegwenti. Ġie stabbilit li jista' jkollok *res judicata* fil-każ ta' xi persuni, iżda mhux fil-konfont ta' oħrajn. Fil-każ odjern l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għaliex ir-rikorrent u l-intimat fit-tieni kawża kienu l-istess partijiet fl-ewwel kawża. Għalkemm il-kjamati fit-tieni kawża ma kienux milquta bir-*res judicata* (għaliex ma kienux parti fl-ewwel kawża) l-azzjoni tar-rikorrent ma setgħetx tkompli kontrihom għaliex il-preżenza tagħhom wahedhom ma kienitx bizzejjed ghall-integrita` tal-gudizzju apparti li wkoll ma kienitx waħda neċessarja minn punto di vista legali ghaliex, li ma kienx ghall-ostakolu tar-*res judicata,* l-azzjoni setghet issir biss kontra l-Avukat Generali wahdu.

Din il-Qorti tirreferi għal sentenza fl-ismijiet "Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri" mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003 fejn hawnhekk wkoll saret riferenza għas-sentenza f'"Trapani Galea Feriol vs Agius" u ġie ritenut li l-element tal-*eaedem personae* fl-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* (u anke dik tar-*res judicata*) mhux eskluż bl-inseriment ta' persuna oħra li l-preżenza tagħha mhijiex verament neċessarja, minn punto di vista legali. Effettivament l-"inseriment" tal-kjamati fil-kawża fil-kawża odjerna ma kienitx waħda verament neċessarja minn punto di vista legali.

Issa l-appellant jirreferi għas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) kif preseduta fit-3 ta' Ottubru 2008 fil-kawża fl-ismijiet "Josephine mart Carmel Bugeja et vs Avukat Ġenerali", fejn ġie ritenut li sentenza fuq kwistjoni simili (apparti l-fatt li l-validita` tagħha kienet qed tiġi attakkata fi proċeduri *ad hoc*) tagħmel stat biss fil-konfront tal-partijiet u mhux *erga omnes*, u allura jgħid li ma jifhimx kif kjamati fil-kawża jistgħu jeċċepixxu b'suċċess ir-*res judicata* meta l-ewwel sentenza ma torbothomx. Jgħid li jħossu skantat kif l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-ewwel sentenza torbot anke lill-kjamati fil-kawża li ma kienux parti fl-ewwel proċedura.

L-analoġija li jagħmel l-appellant pero` hija pjuttost fjakka. Id-dottrina li kawża ma tagħmilx stat fil-konfront ta' partijiet

oħra ma tfissirx li kjamat fil-kawża ma jistax iqajjem l-eċċezzjoni tar-*res judicata* fir-rigward ta' kawża li ma torbtux jekk l-elementi tar-*res judicata* jissussistu. Il-kjamat fil-kawża jista' jagħti kull eċċezzjoni li jista' jagħti l-konvenut.[5] Fil-każ inkwistjoni il-kjamati fil-kawża (li l-preżenza tagħhom, kif inghad, ma kienitx neċessarja) irreferew għal sentenza li kienet tagħmel stat preċiżament bejn l-istess partijiet fil-kawża li fiha huma ġew kjamati: is-sentenza li huma jsemmu effettivament torbot l-istess partijiet, u cioe` lil Anthony Aquilina u lill-Avukat Ġenerali. Ma hemm xejn li jżomm lill-kjamati fil-kawża milli jeċċepixxu din l-eċċezzjoni.

It-tieni aggravju: *ir-rikors oriġinali mhux res judicata għaliex ma ġiex deċiż definittivament*

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li wieħed ma jistax jgħid li r-rikors oriġinali ġie deċiż definittivament, u ġialadarba l-ewwel rikors ma ġiex deċiż definittivament allura ma kellu jkun hemm l-ebda ostaklu sabiex l-ewwel Qorti tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern. Huwa jargumenta li wieħed jista' jgħid li l-ewwel rikors kien ġie deċiż definittivament kieku kien hemm ukoll sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem iżda din il-Qorti ddeklinat li tieħu konjizzjoni tal-każ stante li huwa naqas li jeżawrixxi r-rimedji domestiċi lilu disponibbli.

Dan l-aggravju aktar mill-infondat hu frivolu ghall-ahhar. Jiġi osservat li fir-rigward tal-ewwel rikors kostituzzjonali tal-appellant, "Anthony Aquilina vs L-Avukat Ġenerali" bin-numru 49/2005, hemm is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġuriżdizzjoni Kostituzzjonali) deċiża fl-4 ta' Ġunju

---

[5] **Art 962. (Kap 12) "***It-terza persuna msejħa fil-kawża għandha tiġi nnotifikata bir-rikors, ġuramentat jew le, u, għall-finijiet kollha, titqies bħala kull konvenut ieħor; u bħala tali għandha l-jedd li tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor illi l-liġi tagħti lill-konvenut; u tista', skond iċ-ċirkostanzi, tiġi meħlusa jew ikkundannata, daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha."*

2008. Ir-rikorrent għalhekk kellu sas-16 ta’ Ġunju biex jintavola appell, iżda huwa fil-fatt ippreżentah fil-24 ta’ Ġunju 2008, u għalhekk kien *fuori termine*. Bħala konsegwenza il-Qorti tal-Appell fit-3 ta’ Novembru 2008 korrettement astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. L-appellant jispjega li l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ma ħaditx konjizzjoni tal-każ tiegħu għaliex huwa ma eżawrixxiex ir-rimedji domestiċi lilu disponibbli minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

Għandu jingħad li fil-liġi tagħna, biex sentenza titqies bħala *res judicata* trid jew (1) tkun ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell, jew (2) ikun għadda t-terminu biex isir appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti, u appell ma jkunx sar. Kif irrilevaw il-kjamati fil-kawża fir-risposta tal-appell tagħhom, fil-liġi tagħna ma hemmx grad ta’ ġustizzja ogħla bis-setgħa li tirrevedi deċiżjonijiet ta’ qorti reviżorja. Assolutament mhux minnu dak li jgħid l-appellant, li wieħed jista’ jgħid li l-ewwel rikors tiegħu kien ikun ġie deċiż definittivament kieku kienet ukoll ingħatat sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk, kif qal l-appellant, il-Qorti Ewropeja ddeklinat li tieħu konjizzjoni tal-każ tiegħu minħabba li ma eżawriex ir-rimedji domestiċi tiegħu (peress li l-appell li ppreżenta kien tardiv u għalhekk ma  ġiex dibattut) b’daqshekk ma jfissirx li l-ewwel rikors ma ġiex deċiż definittivament. Ir-rikors tiegħu fil-fatt ġie deċiż definittivament hekk kif skada t-terminu li fih seta’ jappella mis-sentenza tal-Qorti ta’ Prim’Istanza.

Tkun qed twaqqa’ s-sublimi ghar-redikolu meta targumenta, kif jaghmel l-appellant, li sabiex huwa jkun jista’ jadixxi l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem “*kif inhu d-dritt tiegħu*, *bil-fors kellu jerġa’ jibda’ dawn il-proċeduri fil-qrati domestiċi*.” Li kieku ried jibbenefika mid-drittijiet kollha tiegħu messu l-ewwelnett intavola l-appell tiegħu mis-sentenza oriġinali *entro termine*, u f’każ ta’ eżitu negattiv fil-konfront tiegħu, kien imbagħad ikollu kull dritt jirrikorri lejn il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem. Kieku għamel hekk ma kienx ikollu għalfejn jirrikorri ghal dan l-istrakkjar kollu u ghal dawn l-akkrobaziji pseudo-inellettwali kollha biex jiggustifika l-fatt li qieghed

jerġa' jintavola l-istess azzjoni oriġinali travestita bħala azzjoni differenti bil-bdil tal-leġittimu kontradittur.

It-tielet aggravju: *l-Avukat Ġenerali rrinunzja għall-eċċezzjoni tar-res judicata, liema eċċezzjoni ma tistax titqajjem ex officio*

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma tatx każ tas-sottomissjoni tiegħu li l-komportament tal-intimat l-Avukat Ġenerali kien jekwivali għal rinunzja tal-eċċezzjoni ta' *res judicata* u dan anke kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet "Vincent Cilia vs Onor. Prim Ministru et". Jargumenta li ladarba l-Avukat Ġenerali "irrinunzja" għal din l-eċċezzjoni ma setgħetx titqanqal mill-kjamati fil-kawża li lanqas kienu parti fl-ewwel ġudizzju.

Iħossu wkoll aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tista' titqanqal minnha *ex officio* meta l-ġurisprudenza l-aktar awtorevoli tippropendi għal-kuntrarju. Hawnhekk jerġa' jagħmel referenza għal "Cilia vs Onor. Prim Ministru et" li fiha ġie kkwotat il-Laurent li jgħid li din l-eċċeżżjoni mhix waħda ta' ordni pubbliku, u jilmenta li kuntrarjament għal dan l-insenjament l-ewwel Qorti dehrilha li din hija eċċezzjoni ta' ordni pubbliku.

Effettivament l-ewwel Qorti ma qalitx li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* tista' titqajjem *ex officio* f'kull każ iżda spjegat li skont il-ġurisprudenza tagħna tista' tiġi sollevata *ex officio* mill-Qorti jekk u meta tinġieb għall-attenzjoni tagħha sentenza oħra li tista' tkun ta' ostakolu għas-smiegħ tal-kawża ġdida. Spjegat li l-iskop hu sabiex jiġi evitat li kwistjoni diskussa u deċiża minn Qorti terġa' tinfetaħ biex terġa' tiġi diskussa u deċiża "*u dan in vista tal-prinċipju ta'* 'stare decisis' *li hu wieħed ta' ordni pubbliku*". Fil-fatt din il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "Cilia vs Prim Ministru et" ċitata mill-istess appellant, ukoll spjegat li għalkemm id-dottrina u l-ġurispudenza prevalenti huma fis-sens li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* mhix waħda minn dawk li huma sollevabbli *ex officio*, u li, kwindi, tali eċċezzjoni hija rinunzjabbli, pero` una volta li parti fil-kawża tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti anke jekk biss indirettament u mhux

f'forma ta' eċċezzjoni formali li hemm sentenza oħra u preċedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawżali, il-ġudikant hu "*obbligat*" li jinvesti l-kwistjoni.

Issa fil-każ inkwistjoni kienu l-kjamati fil-kawża (li għandhom l-istatus ta' konvenuti) li ġabu din l-informazzjoni għall-attenzjoni tal-Qorti u għalhekk isegwi li l-Qorti kienet obbligata tikkunsidraha. Huwa rrilevanti li l-kjamati fil-kawża ma kienux parti fl-ewwel ġudizzju kif qed isostni l-appellant. Huwa biss neċessarju li l-Qorti ssir taf (anke indirettament) li teżisti sentenza oħra fuq l-istess mertu u f'dak il-mument jitwieled l-obbligu da parti tagħha li hija tinvesti l-kwistjoni.

Din il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni f'"Albert Pace Cole vs Iċ-Ċhairman tal-Maltacom p.l.c noe"[6] fejn ġie ritenut li għalkemm "*mhux ċar*" jekk il-Qorti tistax tissoleva hi stess *ex officio* l-ġudikat, jidher li tista' tissollevaha hi stess meta tkun saret riferenza għad-deċiżjoni preċedenti. F'dik il-kawża kienet saret riferenza għad-deċiżjoni preċedenti, l-eċċezzjoni formali ingħatat, pero` wara ġiet irtirata. Il-Qorti kienet daqsxejn perplessa fiċ-ċirkostanzi u kellha d-dubbji jekk din il-proċedura kienitx valida għaliex fil-fehma tagħha (kuntrarjament għal dak li jgħallem il-Laurent) "*il-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-ordni pubbliku u ċ-ċertezza ta' dritt*", u fil-fatt għalkemm reġgħet eżaminat il-mertu tal-każ mill-ġdid dan għamlitu b'certu reluttanza għaliex fil-fehma tagħha ħasset li kienet qegħdha tagħti lir-rikorrent "*eżami doppju".*

Din il-Qorti wkoll tħossha xxaqleb lejn il-fehma li l-ġudikat huwa istitut ta' ordni pubbliku (nonostante dak li jgħallem il-Laurent) għaliex kif jargumentaw il-kjamati fil-kawża, huwa intiż biex bejn il-partijiet tinżamm sħiħa l-awtorita` tal-Qorti fid-deċizjoni tagħha bl-effett li una volta tkun diġa` esprimiet ruħha fuq materja, u d-deċiżjoni tagħha tkun

[6] (722/99) Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġuriżdizzjoni Kostituzzjonali) fis-26 ta' Frar 2004 – konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 2005

għaddiet in ġudikat, ma tistax parti terġa' tqajjem il-kwistjoni b'riskju ta' deċiżjoni konfliġġenti. [7]
Issa fil-każ odjern l-eċċezzjoni sollevata mill-kjamati fil-kawża ma ġietx "irtirata", bħal fil-każ "Pace Cole vs Maltacom", iżda l-appellant qed jargumenta li bil-komportament tiegħu l-Avukat Ġenerali kien qed "jirrinunzja" għall-eċċezzjoni tal-ġudikat. Huwa jibbaża dan l-argument fuq il-fatt li l-Avukat Ġenerali ma qajjimx l-eċċezzjoni tal-ġudikat u wkoll il-fatt li fir-raba' eċċezzjoni tiegħu u dawk suċċessivi huwa stieden lill-Qorti biex tinvesti l-mertu.

Apparti dak li ġia` ingħad dwar l-ordni pubbliku, trattandosi ta' eċċezzjoni ta' natura perentorja, il-fatt li l-Avukat Ġenerali ma ssollevax l-eċċezzjoni tal-ġudikat f'dak l-istadju tal-proċeduri ma jfissirx li hu kien irrinunzja għal dik l-eċċezzjoni u dan peress li tali eċċezzjoni tista' tiġi wkoll sollevata fi grad ta' appell (Art. 732(1) tal-Kap. 12).

Rilevanti ħafna wkoll hija l-osservazzjoni tal-kjamati fil-kawża li l-appellant fit-tieni aggravju tal-appell tiegħu stess jammetti li huwa "*bil-fors kellu jerġa' jibda' dawn il-proċeduri fil-qrati domestiċi"* wara li l-Qorti Ewropeja rrifjutat li tikkunsidralu l-petizzjoni tiegħu għaliex ma kienx eżawrixxa r-rimedji ordinarji (peress li ma appellax *entro termine*). Fil-fatt anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tat-30 ta' Settembru 2010 quddiem l-ewwel Qorti ipprova jiġġustifika l-fatt li kellu "*jerġa' jibda*'" l-istess proċeduri. Jiġi għalhekk allura li huwa stess qiegħed jammetti li reġa' ppropona l-istess rikors oriġinali tiegħu mill-ġdid, u għalhekk huwa stess, qed jikkonferma li fir-rigward tar-rikors odjern diġa` jeżisti ġudikat. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan huwa abbuż tal-process ġudizzjarju u, *multo magis,* il-fatt li r-rikorrent wasal biex jintavola dan l-appell fieragħ u

---

[7] Ara wkoll "Edward Borg et vs Edward Bartlett et" (1876/00) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru 2001 (mhux appellata). Hawnhekk il-Qorti irriteniet li "*l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f' sentenza, li tbiegħed il-possibilita` ta' deċiżonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat."*

frivolu mis-sentenza dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata*, huwa abbuż doppju.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ovvjament jitħallsu mir-rikorrent appellant. Di piu` din il-Qorti, in vista tal-fatt li għar-raġunijiet fuq spjegati hija tal-fehma li dan l-appell huwa wieħed fieragħ sejra tapplika l-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-appellat li jħallas lill-appellati l-ispejjeż għal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------